KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta' Diċembru 2011 (19.01)
(OR. en)

18340/11

PUBLIC 113

**NOTA**

| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL OTTUBRU 2011 |
|---|---|

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2011 [1] [2].

– ANNESS II li fih dettalji ulterjuri dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjoni tagħha u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi l-informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

---

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bagitarji speċifiċi, eċċ.

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu/) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju ta' Kull Xahar tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku ).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

---

# LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2011

It-3114 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-3 ta' Ottubru 2011

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija
14113/11

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku
8135/11 + REV 1 (lv)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra
17403/10 + COR 1 + COR 2 (it)

Definizzjoni tal-pożizzjoni li l-Unjoni Ewropea ser tadotta matul il-Ħames Sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ċilì
14566/11 + COR 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009
ĠU L 261, 6.10.2011, p. 2-18

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali"
14061/1/11 REV 1 + COR 1 + REV 2 (lv) + REV 3 (sl)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Mmaniġġar tal-isfidi demografiċi: Kooperazzjoni istituzzjonali tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet demografiċi u r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u l-familja - lejn il-kompatibbiltà bejn il-karriera u l-familja
14064/11 + COR 1 (cz) + COR 2 (de) + REV 1(it)

**It-3115 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fl-4 ta' Ottubru 2011**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija ta' ħruġ fiskali
14849/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima
14536/11

**It-3116-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fis-6 ta' Ottubru 2011**

Pożizzjoni tal-UE għall-ħmistax-il Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja (Ġustizzja u Affarijiet Interni), Varsavja, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2011 u Passi Komuni lejn vjaġġar ta' perijodu qasir mingħajr viża għaċ-ċittadini Russi u tal-UE
15057/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "L-UE u r-reġjuni ġirien tagħha: Approċċ imġedded għall-kooperazzjoni tat-trasport"
14712/11

**It-3117-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2011**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Objettivi u l-Prijoritajiet Ċentrali tal-Unjoni Ewropea għat-13-il Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD XIII, Doha, Qatar, 21 - 26 ta' April 2012)
15326/11

Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tnax-il laqgħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-Repubblika tal-Moldova (Chisinau, 18 ta' Ottubru 2011)
15010/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina
15294/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja
14991/1/11 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja
14994/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen
14989/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani
15016/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran
14995/11

**It-3118 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2011**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (L-ewwel qari)
PE-CONS 34/11 + REV 1 (sk)

Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku rregolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo
ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1-8

Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b'relevanza għaż-ŻEE
ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88

Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1-17

2011/679/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll maqbul bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 17-17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011 tal- 10 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009
ĠU L 268, 13.10.2011, p. 1-11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħejjijiet għas-17-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 17) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għas-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 7) (Durban, Afrika t'Isfel, 28 ta' Novembru - 9 ta' Diċembru 2011)
15353/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Valutazzjoni tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità u t-triq 'il quddiem: Lejn is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE
15384/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Rio+20: lejn il-kisba ta' żvilupp sostenibbli permezz ta' ekonomija aktar ekoloġika u titjib tal-governanza
15388/11

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-rimi Tiegħu fl-għaxar (10) laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel (COP 10)
14223/1/11 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Preparazzjoni għall-Għaxar Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu (Cartagena de Indias, Kolombja, 17 – 21 ta' Ottubru 2011)
15393/11

**It-3119 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ottubru 2011**

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32-32

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31-31

2011/714/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de Portugal
ĠU L 285, 1.11.2011, p. 23-23

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni
12856/1/11 + REV 2 (mt)

**Proċedura bil-miktub konkluża fil-11 ta' Ottubru 2011**

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mas-Sultanat tal-Oman għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u s-Sultanat tal-Oman dwar it-transitu u l-istazzjonar ta' Ajruplani ta' Tkixxif u s-Sorveljanza Marittima tal-EUNAVFOR
15064/1/11 REV 1

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-13 ta' Ottubru 2011**

2011/735/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/735/PESK tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja
ĠU L 296, 15.11.2011, p. 53-54

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja
ĠU L 269, 14.10.2011, p. 18-20

**Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Ottubru 2011**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/752/PESK tal-24 ta' Novembru 2011 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, il-EULEX KOSOVO
ĠU L 310, 25.11.2011, p. 10-10

**Proċedura bil-miktub konkluża fis-17 ta' Ottubru 2011**

2011/691/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/691/PESK tas-17 ta' Ottubru 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo
ĠU L 271, 18.10.2011, p. 48-48

**It-3120 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD),
li saret fil-Lussemburgu fl-20 u l-21 ta' Ottubru 2011**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni tal-modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni
PE-CONS 36/11

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 429/73 u jagħmel dispożizzjonijiet speċjali għal importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' ċerti oġġetti li jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1059/69 u joriġinaw fit-Turkija
PE-CONS 32/11

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li m'għadhomx jgħoddu fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni
PE-CONS 33/11

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li m'għadhomx jgħoddu fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni
PE-CONS 35/11

Pożizzjoni (UE) Nru 13/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran Adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2011
ĠU C 345E, 25.11.2011, p. 1-21

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1071/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 3448/80 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 43 tal-Att tal-Adeżjoni tal-1979, dwar is-sistema tal-kummerċ applikabbli għall-merkanzija koperta bir-Regolamenti (KEE) Nru 3033/80 u (KEE) Nru 3035/80
ĠU L 284, 31.10.2011, p. 1-2

2011/710/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni NAT-I-9406 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea
ĠU L 283, 29.10.2011, p. 26-26

2011/709/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani
ĠU L 283, 29.10.2011, p. 25-25

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea Bissaw
14211/1/11 REV 1

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 57/2011 u (KE) 754/2009 fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispeċi "pixxiplamtu", ċerti TACs u ċerti limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti għall-Ġermanja u l-Irlanda
ĠU L 287, 4.11.2011, p. 13-16

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim mar-Repubblika Franċiża f'isem it-territorju tagħha ta' Saint-Barthélemy li jipprevedi l-applikazzjoni, fil-każ ta' dan it-territorju, tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni
14971/11

2011/738/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli
ĠU L 297, 16.11.2011, p. 1-2

2011/739/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli
ĠU L 297, 16.11.2011, p. 48-48

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1048/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)
ĠU L 276, 21.10.2011, p. 1-1

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/698/PESK tal-20 ta' Ottubru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 276, 21.10.2011, p. 47-49

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1049/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 276, 21.10.2011, p. 2-4

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra
7770/11 + COR 1 (sv) + REV 1(sl)

**Proċedura bil-miktub konkluża fil-21 ta' Ottubru 2011**

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2011/430/PESK sabiex taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu
15658/11

**It-3121 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI) li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2011**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju
PE-CONS 38/1/11 REV 1

Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro
ĠU L 316, 29.11.2011, p. 1-20

Abbozz ta' baġit emendat tal-Unjoni Ewropea għall-2012
15376/11

Abbozz emendat ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2011
15374/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI ("Deċiżjoni Qafas Svediża")
15277/11

2011/715/: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-Data dwar id-DNA fil-Latvja
ĠU L 285, 1.11.2011, p. 24-24

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew
15690/11

Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-Mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Armenja
14963/1/11 REV 1 + ADD 1

Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-60 Anniversarju tal-Konvenzjoni Dwar l-Istatus tar-Refuġjati tal-1951
15358/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2011: Segwitu tar-Rapport Speċjali Nru 1/2005
rigward il-ġestjoni tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi
15274/11

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1083/2011 tas-27 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar
ĠU L 281, 28.10.2011, p. 1-2

2011/706/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/706/PESK tas-27 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea
ĠU L 281, 28.10.2011, p. 28-28

2011/705/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/705/PESK tas-27 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/145/PESK li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)
ĠU L 281, 28.10.2011, p. 27-27

Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-10 laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Uzbekistan (Brussell, 14 ta' Novembru 2011)
15835/11

2011/768/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea
ĠU L 317, 30.11.2011, p. 6-9

2011/767/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea
ĠU L 317, 30.11.2011, p. 2-5

2011/769/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea
ĠU L 317, 30.11.2011, p. 10-12

2011/722/: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli tal-proċeduri tal-Kumitat tal-Kummerċ u l-istabbiliment ta' lista ta' 15-il arbitri
ĠU L 288, 5.11.2011, p. 16-22

Abbozz ta' patt Ewropew kontra d-drogi sintetiċi
15544/11

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3118 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2011** | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (Test b'relevanza għaż-ŻEE)<br>(L-ewwel qari) | PE-CONS 34/11<br>+ REV (sk) | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni tqis li l-livelli ta' rappurtaġġ tat-transazzjonijiet skont l-Artikolu 8(2)(a) u ta' informazzjoni skont l-Artikolu 8(6)(a) ma jistgħux jiġu stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tressaq proposta leġislattiva li tistabbilixxi dawn il-limiti.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Il-leġislatur tal-UE ta setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 TFUE b'rabta mal-miżuri previsti fl-Artikolu 8. Dak huwa legalment vinkolanti għall-Kummissjoni minkejja d-dikjarazzjoni li għamlet fir-rigward tal-Art. 8(2)(a) u 8(6)(a).
**Parlament Ewropew/Kunsill/Kummissjoni - Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sanzjonijiet**
Il-Kummissjoni se tkompli bil-ħidma tagħha dwar it-tisħiħ tas-sistemi ta' sanzjonar fis-settur finanzjarju u bi ħsieba tressaq proposti dwar kif jissaħħu s-sistemi nazzjonali ta' sanzjonar b'mod konsistenti fil-kuntest tal-inizjattivi leġiżlattivi li jmiss fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Is-sanzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'dan ir-Regolament se jirriflettu d-deċiżjonijiet finali meħuda mil-leġiżlatur dwar il-proposti tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.
**Dikjarazzjoni mill-Irlanda skont l-Artikolu 18 (Penali)**
Artikolu 18 tar-Regolament dwar l-integrita' u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija jipprovdi l-ktiterji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-penali li jaqbżu l-kriterji effettivi, disswassivi u proporzjonati rikonoxxuti.
Minħabba dan l-Irlanda hija mħassba li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq id-diskrezzjoni ġudizzjarja fuq il-livell nazzjonali.
L-Irlanda tagħti enfasi partikolari għall-premessa 31 tar-Regolament, li tistipula li l-applikazzjoni tal-penali għall-ksur tar-Regolament għandha sseħħ bi qbil mal-liġi nazzjonali.

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2011</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TAL-VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td>Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta’ aċċess għas-servizz pubbliku rregolat offrut mis-sistema dinjija ta’ navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo</td><td>PE-CONS 40/11<br>+REV 1 (hu)</td><td>maġġoranza kkwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kunsill fir-rigward tal-involviment tal-esperti tas-sigurtà tal-Istati Membri<br>Waqt li jikkunsidra l-implikazzjonijiet għas-sigurtà fir-rigward tal-PRS, il-Kunsill jenfasizza li huwa essenzjali li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-esperti rilevanti tas-sigurtà tal-Istati Membri u li tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tagħhom, fit-tħejjija, it-tfassil u l-emendar tal-istandards minimi komuni tal-PRS sabiex jiġi aġġornat l-Anness tad-Deċiżjoni dwar il-PRS permezz ta' atti delegati.<br>Il-Kunsill jenfasizza l-intenzjoni tal-Istati Membri li f'dan il-proċess huma jaħtru bħala esperti lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom fil-Bord tas-Sigurtà għas-Sistemi tal-GNSS Ewropej, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE. Huwa jenfasizza wkoll il-pożizzjoni tal-Istati Membri li, kemm jista' ikun, dawn l-esperti għandhom jagħtu pariri lill-Kummissjoni fuq bażi ta' kunsens. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem flimkien ma' dawn l-esperti għal dan il-fini.<br>Il-Kunsill itenni l-importanza ta' dawn il-konsultazzjonijiet u l-ħtieġa li l-Kummissjoni tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tal-esperti tal-Istati Membri. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jikkunsidra l-alternattivi previsti f'din id-Deċiżjoni dwar il-PRS, b'mod partikolari li jesprimi oġġezzjoni għall-atti delegati rispettivi.</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b’relevanza għaż-ŻEE</td><td>PE-CONS 26/11</td><td>maġġoranza kkwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**
Il-Kummissjoni tfakkar l-impenn tagħha li tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu tabelli ta' korrelazzjoni li jorbtu l-miżuri ta' traspożizzjoni li huma jadottaw mad-direttiva tal-UE u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE, fl-interess taċ-ċittadini, tat-tfassil aħjar tal-liġijiet u taż-żieda fit-trasparenza legali, u sabiex jiġi assistit l-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-UE.
Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' appoġġ għad-dispożizzjoni inkluża fil-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li kellha l-mira li tagħmel l-istabbiliment tat-tabelli ta' korrelazzjoni obbligatorju.
Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tiżgura l-adozzjoni immedjata ta' dik il-proposta, tista' taċċetta s-sostituzzjoni tad-dispożizzjoni obbligatorja dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni inkluża fit-test bi premessa rilevanti li tħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din il-prassi.
Madankollu, il-pożizzjoni segwita mill-Kummissjoni f'dan il-fajl m'għandhiex titqies bħala preċedent. Il-Kummissjoni ser tkompli bl-isforzi tagħha bil-għan li ssib, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, soluzzjoni xierqa għal din il-kwistjoni istituzzjonali orizzontali.

**Dikjarazzjoni minn Malta**
Malta tirrikonoxxi l-valur miżjud fit-test ta' kompromess għad-Direttiva dwar Drittijiet tal-Konsumatur li bħalissa qiegħda tiġi mressqa għal adozzjoni. Aħna nemmnu illi b'mod ġenerali ser ikun hemm benefiċċji kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kummerċjanti peress li ħa jkun hemm aċċess aktar faċli għal swieq transkonfinali u għalhekk Malta tivvota favur.
Madanakollu, Malta tixtieq tesprimi d-dispjaċir tagħha illi din id-Direttiva mhix ser tkun applikabbli għas-setturi kollha, partikolarment għas-settur tal-logħob tal-azzard li ġie eskluż mill-abbozz preżentat għall-adozzjoni. Dan l-approċċ, flimkien mar-revoka tad-Direttiva 97/7/KE dwar kuntratti li jsiru mill-bogħod ser jirriżulta fid-deregolarizzazzjoni tal-logħob tal-azzard onlajn mir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur li jirregolaw kuntratti ta' distanza. Din ir-revoka flimkien man-nuqqas ta' regoli armonizzati f'dan is-settur mhumiex fl-interess tal-konsumaturi u lanqas tas-suq intern. Malta għalhekk tqis li, peress li l-Istati Membri mhumiex ser jieħdu din l-opportunità li jipprovdu protezzjoni lill-konsumatur fis-settur tal-logħob tal-azzard, din għandha tiġi indirizzata ulterjorament mal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni minn Spanja**

Spanja topponi l-adozzjoni tat-test konsolidat tal-proposta għal Direttiva minħabba li din iċċaħħad lill-konsumaturi Spanjoli minn xi wħud mid-drittijiet li huma diġà mogħtija lilhom taħt il-liġi nazzjonali, bħala riżultat tal-prinċipju ta' armonizzazzjoni massima li jkopri għadd kbir tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Ukoll il-prinċipju ta' armonizzazzjoni massima jelimina l-kapaċità ta' manuvrar tal-Istati Membri fi żmien meta qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ġodda li ġejjin mill-preżenza fis-suq ta' forom ġodda ta' negozji u, għalhekk, ta' ikkuntrattar, li jkun jinvolvi pereżempju rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali li huma differenti jew li huma aktar eżiġenti minn dawk previsti mid-Direttiva fil-każ ta' kuntratti mill-bogħod jew kuntratti lil hinn mill-post ta' negozju. Fir-rigward ta' kuntratti ta' dan it-tip, id-Direttiva issa tipprevedi żewġ settijiet distinti ta' regoli għal informazzjoni prekuntrattwali, sett b'armonizzazzjoni massima fil-każ ta' kummerċjanti li jipprovdu servizzi fi Spanja iżda m'humiex residenti fit-territorju nazzjonali, u l-ieħor li jista' jkun differenti u inqas eżiġenti għan-negozji stabbiliti fi Spanja. Fil-fehma tagħna dan joħloq problemi fir-rigward tal-kompetizzjoni fost in-negozji u joħloq konfużjoni fost il-konsumaturi.

Il-problema tiggrava min-nuqqas, f'xi każijiet, ta' konsistenza mad-dritt ċivili tagħna. Meta, pereżempju, il-kummerċjant jonqos milli jirrispetta d-data ta' kunsinna tal-oġġetti li huma s-suġġett ta' kuntratt, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tobbliga lill-konsumatur li jikkuntattja lill-kummerċjant sabiex jagħtih estensjoni tal-perijodu ta' kunsinna.

Hemm ukoll kwistjonijiet oħrajn ta' tħassib partikolari għal Spanja li ma hemmx soluzzjoni sodisfaċenti għalihom fit-test tal-Presidenza, pereżempju l-fatt li l-konsumatur jista' jkollu jħallas għall-użu normali tal-oġġetti matul il-perijodu ta' reċess. Dan ifisser tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur mogħti mhux biss mil-leġislazzjoni Spanjola iżda wkoll mid-Direttiva fis-seħħ, kif inhuwa ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk huwa inaċċettabbli. Għalhekk Spanja insistiet matul in-negozjati dwar il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni bbilanċjata fejn il-konsumatur ikollu jħallas biss għall-użu tal-oġġetti fejn iseħħ dannu jew marki tal-użu li għalihom huwa responsabbli l-konsumatur.

Fl-aħħar nett, il-formulazzjoni l-ġdida tat-test ikkonsolidat tqajjem dubji serji dwar il-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħmlu obbligatorju fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom li l-kummerċjanti joffru għajnuna bit-telefon u numru tat-telefon, it-tnejn mingħajr ħlas, għas-servizz tal-klijenti, kif inhuwa meħtieġ minn abbozz dwar is-servizz tal-klijenti li fil-preżent għaddej mill-Parlament Spanjol, peress li d-Direttiva f'dawn il-każijiet tiggarantixxi biss, bil-prinċipju ta' armonizzazzjoni massima, li l-konsumatur m'għandux iħallas aktar mill-prezz bażiku.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea | PE-CONS 37/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Il-Kunsill jilqa' l-appoġġ sħiħ li r-Renju Unit qiegħed jagħti għall-iżvilupp tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ir-rieda tar-Renju Unit li jipparteċipa fl-attivitajiet operattivi tal-Frontex skont ir-Regolament (KE) 2007/2004. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu arranġamenti bilaterali mar-Renju Unit li jagħtu lill-gwardji tal-fruntiera tar-Renju Unit li jsostnu l-operazzjonijiet konġunti tal-Frontex u attivitajiet operattivi oħrajn bħala konsulenti speċjali, protezzjonijiet ekwivalenti għall-uffiċjali mistednin tal-Istati Membri fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili u kriminali.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ ta' operazzjonijiet ta' ritorn**

Il-Kummissjoni timpenja lilha nfisha biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ ta' operazzjonijiet ta' ritorn kif hemm imsemmi fl-Artikolu 9(3).

Ir-rapport ser ikun ibbażat fuq l-informazzjoni kollha rilevanti li ssir disponibbli mill-Aġenzija, il-Bord ta' Tmexxija tagħha, u l-Forum Konsultattiv stabbilit mill-abbozz ta' Regolament. F'dan il-kuntest għandu jkun innutat li l-Forum Konsultattiv għandu aċċess sħiħ għall-informazzjoni kollha dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 26a.

Ir-rapport ser jagħti attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni tal-"kriterji oġġettivi u trasparenti" li għandhom jiġu osservati matul l-operazzjoni ta' ritorn imwettqa mill-Aġenzija Frontex.

L-ewwel rapport annwali għandu jkun ippreżentat qabel tmiem l-2012.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri**<br>Il-Kummissjoni timpenja lilha nfisha li tniedi studju ta' fattibbiltà rigward il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri, kif hemm imsemmi fil-programm ta' Stokkolma, fi żmien sena mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. L-eżitu tal-istudju ser jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni prevista mill-Artikolu 33(2a) ta' dan ir-Regolament.<br>Il-Kummissjoni timpenja lilha nfisha wkoll li tanalizza jekk hemmx ħtieġa għal emenda teknika tar-Regolament Nru 863/2007 - li jistabbilixxi Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri - fir-rigward tal-użu tal-isem "Timijiet ta' Gwardji tal-Fruntieri Ewropej. | | | |
| **It-3120 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fl-20 u l-21 ta' Ottubru 2011** | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni tal-modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni | PE-CONS 36/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 429/73 u jagħmel dispożizzjonijiet speċjali għal importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' ċerti oġġetti li jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1059/69 u joriġinaw fit-Turkija | PE-CONS 32/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li m'għadhomx jgħoddu fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni | PE-CONS 33/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI**
**OTTUBRU 2011**

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li m'għadhomx jgħoddu fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni | PE-CONS 35/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Pożizzjoni (UE) Nru 13/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran Adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2011 | 12607/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Il-Kunsill jilqa' l-prospett tal-adozzjoni rapida tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran).
Madankollu l-unsill jixtieq jisħaq li t-test finali adottat fir-rigward tal-Artikoli 26 ma jippreġudikax il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-atti delegati fil-futur.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni tesprimi tħassib minħabba li s-setgħat limitati delegati lilha mill-koleġislaturi jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-UE li tiżgura t-traspożizzjoni f'waqtha fil-liġi tal-UE tal-miżuri meħudin mill-GFCM fil-futur li jirrevedu u jaġġornaw il-miżuri internazzjonali tal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' din l-organizzazzjoni.
Għalhekk il-Kummissjoni tista' tipproponi emendi għar-Regolament li jżid in-numru ta' miżuri li għandhom jiġu adottati b'atti delegati fil-każ li t-traspożizzjoni permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja twassal għal dewmien li jaf jimmina l-kapaċità tal-UE li tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3121 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2011** | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju | PE-CONS 38/1/11 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel rieżami ta' dan ir-Regolament minn issa sal-31 ta' Diċembru 2013, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni possibbli ta' awtorizzazzjoni ġenerali ta' esportazzjoni għall-konsenji ta' valur baxx.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar il-konsenji ta' valur baxx**<br>Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġenerali ta' esportazzjoni għall-konsenji ta' valur baxx, trasportati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 428/2009. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro | PE-CONS 18/2/11 REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**<br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet speċifiċi ħafna relatati mad-Direttiva 96/71/KE huma mingħajr preġudizzju għall-ammissibbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar il-liġi tax-xogħol komparabbli fil-futur f'kuntesti oħrajn. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja titlob li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-regolament previst fl-Artikolu 26 tal-abbozz ta' regolament li għandha ssir erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, għandha tingħata konsiderazzjoni b'mod partikolari għall-estensjoni tal-modi ta' trasport li għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri fl-Artikolu 13 minn mill-inqas waħda mill-għażliet għal mill-inqas żewġ għażliet.<br>Ir-regolament jimmira li jiffaċilita t-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Huwa għalhekk mixtieq li l-Istati Membri jippermettu aktar minn mod ta' trasport għal trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro. Il-Ġermanja temmen li, kieku kull Stat Membru kellu jippermetti biss mod wieħed ta' trasport li jikkorrispondi għar-regoli nazzjonali rispettivi, ikun diffiċli li jintlaħaq l-għan li jkun iffaċilitat it-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi**<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi jappoġġaw din il-proposta iżda nixtiequ wkoll nesprimu x-xewqa tagħna li fil-futur il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament jiġi estiż għall-Istati Membri kollha tal-UE.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tagħmel użu mill-kompetenza esperta rilevanti kollha li tista' tinkludi s-sħab soċjali. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-formulazzjoni tal-premessa 20 dwar konsultazzjonijiet ma tirriflettix għal kollox il-Fehim Komuni dwar id-delegazzjonijiet ta' setgħat leġislattivi skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. | | | |
| Non-approvazzjoni tal-Abbozz ta' baġit emendat tal-Unjoni Ewropea għall-2012 | 15376/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Abbozz emendat ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2011 | 15374/11 | maġġoranza kkwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: UK |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3114 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-3 ta' Ottubru 2011** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija<br>14113/11 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku<br>8135/11 + REV 1 (lv) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra<br>17403/10 + COR 1 + COR 2 (it) | |
| Definizzjoni tal-pożizzjoni li l-Unjoni Ewropea ser tadotta matul il-Ħames Sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili<br>14566/11 + COR 1 | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>13949/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali<br>14061/1/11 REV 1 + COR 1 + REV 2 (lv) + REV 3 (sl)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Mmaniġġar tal-isfidi demografiċi: Kooperazzjoni istituzzjonali tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet demografiċi u r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u l-familja - lejn il-kompatibbiltà bejn il-karriera u l-familja<br>14064/11 + COR 1 (cz) + COR 2 (de) + REV 1(it)<br><br>**It-3115 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fl-4 ta' Ottubru 2011**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija ta' ħruġ fiskali<br>14849/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima<br>14536/11<br><br>**It-3116-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fis-6 ta' Ottubru 2011**<br><br>Pożizzjoni tal-UE għall-ħmistax-il Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja (Ġustizzja u Affarijiet Interni), Varsavja, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2011 u Passi Komuni lejn vjaġġar ta' perijodu qasir mingħajr viża għaċ-ċittadini Russi u tal-UE<br>15057/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "L-UE u r-reġjuni ġirien tagħha: Approċċ imġedded għall-kooperazzjoni tat-trasport"<br>14712/11<br><br>**It-3117-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2011**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Objettivi u l-Prijoritajiet Ċentrali tal-Unjoni Ewropea għat-13-il Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD XIII, Doha, Qatar, 21 - 26 ta' April 2012)<br>15326/11<br><br>Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tnax-il laqgħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-Repubblika tal-Moldova (Chisinau, 18 ta' Ottubru 2011)<br>15010/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina<br>15294/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja<br>14947/1/11 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja<br>14994/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen<br>14989/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani<br>15016/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran<br>14995/11<br><br>**It-3118 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2011**<br><br>2011/679/: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll maqbul bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet<br>9793/11<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>14189/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħejjijiet għas-17-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 17) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għas-seba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 7) (Durban, Afrika t'Isfel, 28 ta' Novembru - 9 ta' Diċembru 2011)<br>15353/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Valutazzjoni tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità u t-triq 'il quddiem: Lejn is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE<br>15384/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Rio+20: lejn il-kisba ta' żvilupp sostenibbli permezz ta' ekonomija aktar ekoloġika u titjib tal-governanza<br>15388/11<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-rimi Tiegħu fl-għaxar (10) laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel (COP 10)<br>14223/1/11 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Preparazzjoni għall-Għaxar Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu (Cartagena de Indias, (Kolombja) 17 – 21 ta' Ottubru 2011)<br>15393/11 | |

<table>
<tr><th colspan="2">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011</th></tr>
<tr><th>ATTI OĦRAJN</th><th>Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi</th></tr>
<tr><td>It-3119 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ottubru 2011</td><td></td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall<br>14653/11</td><td>astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda<br>14651/11</td><td>astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td>2011/714/: Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de Portugal<br>13851/11</td><td></td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni<br>12856/1/11 + REV 2 (mt)</td><td></td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fil-11 ta' Ottubru 2011**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mas-Sultanat tal-Oman għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u s-Sultanat tal-Oman dwar it-transitu u l-istazzjonar ta' Ajruplani ta' Tkixxif u s-Sorveljanza Marittima tal-EUNAVFOR<br>15064/1/11 REV 1<br><br>**Proċedura bil-miktub konkluża fit-13 ta' Ottubru 2011**<br><br>2011/735/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/735/PESK tat-14 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>15022/11 + REV 1 (et)<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011 tat-13 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>15029/11 + REV 1 (et)<br><br>**Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Ottubru 2011**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/752/PESK tal-24 ta' Novembru 2011 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, il-EULEX KOSOVO<br>14305/11 | |

| ATTI OĦRAJN | Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Polonja**<br>Il-Polonja tittama li permezz tal-estensjoni ta' xahrejn għall-baġit tal-EULEX Kosovo, li tippermetti lill-Kap tal-Missjoni jonfoq il-mezzi finanzjari li ma jkunux intużaw, il-kmand tal-missjoni jkun jista' jixtri t-tagħmir u s-servizzi meħtieġa biex tiżdied is-sigurtà u jitjiebu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tal-EULEX Kosovo. | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-17 ta' Ottubru 2011** | |
| 2011/691/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/691/PESK tas-17 ta' Ottubru 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo<br>14828/11 | |
| **It-3120 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD),**<br>**li saret fil-Lussemburgu ft-20 u l-21 ta' Ottubru 2011** | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1071/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 3448/80 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 43 tal-Att tal-Adeżjoni tal-1979, dwar is-sistema tal-kummerċ applikabbli għall-merkanzija koperta bir-Regolamenti (KEE) Nru 3033/80 u (KEE) Nru 3035/80<br>14505/11 | |
| 2011/710/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni NAT-I-9406 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea<br>9390/11 + COR 1 (fi) | |
| 2011/709/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani<br>5735/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**
Inter alia għal raġunijiet pragmatiċi, huwa preferibbli li l-Komunità waħedha għandha tikkonkludi l-Ftehim mal-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li jiġu konklużi skont u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.
Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet ħlief dawk imsemmijin hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħalltin.
Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza ġdida tal-Unjoni fir-rigward ta' ftehimiet esterni dwar is-servizzi tal-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea Bissaw<br>14211/1/11 REV 1 | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 57/2011 u (KE) 754/2009 fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispeċi "pixxiplamtu", ċerti TACs u ċerti limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti għall-Ġermanja u l-Irlanda<br>14490/11 | |

**Dikjarazzjoni minn Franza dwar l-implimentazzjoni tal-preferenzi tal-Aja**
Franza hi tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti bejn l-Istati Membri ġew deċiżi b'mod finali fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi tal-istabbilità relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Franza tikkunsidra li l-Preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju tal-istabbilita' relattiva.
F'kuntest ta' skarsezza u ta' tnaqqis tar-riżors, il-Preferenzi tal-Aja jwasslu għal allokazzjonijiet addizzjonali mhux raġonevoli għad-detriment tal-Istati Membri l-oħra. Franza topponi l-applikazzjoni tal-Preferenzi tal-Aja, li tmur kontra l-prinċipju tal-istabbilità relattiva, u l-istess jagħmel dan il-kompromess tal-Presidenza.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim mar-Repubblika Franċiża f'isem it-territorju tagħha ta' Saint-Barthélemy li jipprevedi l-applikazzjoni, fil-każ ta' dan it-territorju, tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni<br>14971/11<br><br>2011/738/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli<br>16198/10<br><br>2011/739/: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli<br>16209/10<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1048/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)<br>15200/11<br><br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/698/PESK tal-20 ta' Ottubru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>15184/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1049/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>15185/11<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju Interim ta' Assoċjazzjoni dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra<br>7770/11 + COR 1 (sv) + REV 1(sl)<br><br>**Proċedura bil-miktub konkluża fil-21 ta' Ottubru 2011**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2011/430/PESK sabiex taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu<br>15658/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| It-3121 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI)<br>**li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2011**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI ("Deċiżjoni Qafas Svediża")<br>15277/11<br><br>2011/715/: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-data dwar id-DNA fil-Latvja<br>14526/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew<br>15690/11<br><br>Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-Mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Armenja<br>14963/1/11 REV 1 + ADD 1<br><br>Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-60 Anniversarju tal-Konvenzjoni tal-1951 Dwar l-Istatus tar-Refuġjati<br>15358/11<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2011: Segwitu tar-Rapport Speċjali Nru 1/2005<br>rigward il-ġestjoni tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi<br>15274/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1083/2011 tas-27 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar<br>14604/11<br><br>2011/706/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/706/PESK tas-27 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea<br>15474/11<br><br>2011/705/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/705/PESK tas-27 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/145/PESK li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)<br>14361/11<br><br>Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-10 laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Uzbekistan (Brussell, 14 ta' Novembru 2011)<br>15835/11<br><br>2011/768/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja skont l-ArtikoluXXIV:6 u l-ArtikoluXXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT)1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea<br>6603/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2011 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2011/767/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea<br>6536/11<br><br>2011/769/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea<br>6609/11<br><br>2011/722/: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli tal-proċeduri tal-Kumitat tal-Kummerċ u l-istabbiliment ta' lista ta' 15-il arbitri<br>14893/11<br><br>Abbozz ta' patt Ewropew kontra d-drogi sintetiċi<br>15544/11 | |